Permezz tat-tieni aggravju tagħha, l-appellanti ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza kisret il-kunċett ta' vantaġġ peress illi hija rrifjutat li tagħmel analiżi globali tad-dispożizzjonijiet kollha previsti mis-sistema fiskali ta' deroga. Stabbilita bil-Liġi Nru 90-568, din is-sistema fil-fatt tipprovdi żewġ metodi speċifiċi ta' ntaxxar, wieħed tal-"ġbir ta' ammont globali" matul is-snin 1991 sa 1993, li rriżulta f'intaxxar ogħla tal-appellanti meta mqabbel mad-dritt komuni, u l-ieħor ta' dritt komuni matul il-perjodu 1994-2002, li kellu effett favorevoli fuq it-taxxa għal din tal-aħħar. Billi l-Qorti tal-Prim'Istanza rrifjutat li tqabbel l-effetti tas-sistema fiskali derogatorja kollha kemm hi, *għaż-żewġ perijodi inkwistjoni,* il-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet numru ta' żbalji ta' liġi.

Permezz tat-tielet aggravju tagħha, l-appellanti tallega ksur tal-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi peress illi l-Qorti tal-Prim'Istanza rrifjutat li tikkunsidra li s-silenzju tal-Kummissjoni fir-rigward tas-sistema ta' taxxa stabbilita, fid-deċiżjoni tagħha tat-8 ta' Frar 2005 dwar La Poste, seta' jnissel fl-appellanti aspettativi dwar il-konformità tal-miżuri inkwistjoni fir-rigward tar-regoli fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma ħaditx inkunsiderazzjoni ċerti ċirkustanzi eċċezzjonali, speċifiċi għal din il-kawża, li jiġġustifikaw l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi.

Permezz tar-raba' aggravju tagħha, France Télécom tinvoka nuqqas ta' motivazzjoni tas-sentenza peress illi l-Qorti tal-Prim'Istanza ssostitwixxiet il-motivazzjoni tagħha b'dik tal-Kummissjoni bi tweġiba għall-argumenti tagħha bbażati fuq ksur tal-prinċipju tal-preskrizzjoni tal-iskema ta' għajnuna. Għalhekk, skont l-appellanti, it-terminu ta' preksrizzjoni ta' għaxar snin previst mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 ([1]) kellu jiġi kkalkolat mid-data tat-2 ta' Lulju 1990, data li fiha l-Liġi Nru 90-568 stabbilixxiet is-sistema ta' taxxa inkwistjoni, u mhux mill-jum li fih l-għajnuna kienet effettivament ingħatat lill-benefiċjarju.

Permezz tal-ħames u l-aħħar aggravju tagħha, l-appellanti fl-aħħar nett issostni illi l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-Kummissjoni setgħet, mingħajr ma tikser il-prinċipju taċ-ċertezza legali, tikkwantifika l-għajnuna fuq il-bażi ta' "limitu massimu u minimu" u tordna l-irkupru tiegħu, meta kien impossibbli li jiġi ddeterminat il-vantaġġ attwali li hija setgħet tibbenefika minnu. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza naqset milli tirrispondi għall-argumenti kollha ibbażati fuq il-ksur tal-prinċipju taċ-ċertezza legali.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (il-Belġju) fil-5 ta' Marzu 2010 — European Air Transport SA vs Collège d'Environnement de la Région de Bruxelles-Capitale, Région de Bruxelles-Capitale**

**(Kawża C-120/10)**

(2010/C 148/20)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Conseil d'État

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* European Air Transport SA

*Konvenuti:* Collège d'Environnement de la Région de Bruxelles-Capitale, Région de Bruxelles-Capitale

**Domandi preliminari**

(1) Il-kunċett ta' "restrizzjoni fuq l-operat" imsemmi fl-Artikolu 2(e) tad-Direttiva 2002/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Marzu 2002, dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet tal-ħoss fl-ajruporti tal-Komunità ([1]) għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi regoli li jistabbilixxu limiti fil-livell tal-ħoss imkejjel mill-art, li għandhom jiġu osservati matul it-titjiriet fuq territorji li jinsabu fil-viċinanzi tal-ajruport, u li min jaqbeż dawn il-limiti jkun suġġett għal sanzjoni, bil-premessa li l-ajruplani huma marbuta li josservaw ir-rotot u li jikkonformaw ruħhom mal-proċeduri ta' nżul u ta' tlugħ stabbiliti minn awtoritajiet amministrattivi oħrajn mingħajr ma jieħdu inkunsiderazzjoni dawn il-limiti tal-ħoss?

(2) L-Artikoli 2(e) u 4(4) tal-istess direttiva għandhom jiġu interpretati fis-sens li "kull restrizzjoni fuq l-operat" għandha tkun "ibbażata fuq il-prestazzjoni", jew dawn id-dispożizzjonijiet jippermettu li dispożizzjonijiet oħra, dwar il-protezzjoni tal-ambjent, jillimitaw l-aċċess għall-ajruport skont il-livell tal-ħoss imkejjel mill-art, li għandhom jiġu osservati matul it-titjiriet fuq territorji li jinsabu fil-viċinanzi tal-ajruport, u li min jaqbeż dawn il-limiti jkun suġġett għal sanzjoni?

(3) L-Artikolu 4(4) tal-istess direttiva għandu jiġi interpretat bħala li jipprekludi li minbarra r-restrizzjonijiet fuq l-operat ibbażati fuq il-prestazzjonijiet li huma stabbiliti skont il-ħoss magħmul mill-ajruplan, regoli dwar il-protezzjoni tal-ambjent jistabbilixxu limiti fuq il-livell tal-ħoss imkejjel mill-art, li għandhom jiġu osservati matul it-titjiriet fuq territorji li jinsabu fil-viċinanzi tal-ajruport?

(4) L-Artikolu 6(2) tal-istess direttiva għandu jiġi interpretat bħala li jipprekludi li regoli jistabbilixxu limiti fil-livell tal-ħoss imkejjel mill-art, li għandhom jiġu osservati matul it-titjiriet fuq territorji li jinsabu fil-viċinanzi tal-ajruport, u li min jaqbeż dawn il-limiti jkun suġġett għal sanzjoni, liema regoli jkunu jistgħu jinkisru minn ajruplani li jissodisfaw ir-regoli tal-Volum 1, Parti II, Kapitolu 4 tal-Anness 16 tal-Konvenzjoni fuq l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 6, p. 96

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija) fit-8 ta' Marzu 2010 — Waltraud Brachner vs Pensionsversicherungsanstalt**

**(Kawża C-123/10)**

(2010/C 148/21)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Oberster Gerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Waltraud Brachner

*Konvenut:* Pensionsversicherungsanstalt

**Domandi preliminari**

(1) L-Artikolu 4 tad-Direttiva 79/7/KEE [1] għandu jiġi interpretat fis-sens li s-sistema ta' aġġustament annwali tal-pensjoni (valorizazzjoni) prevista mil-leġiżlazzjoni dwar l-assigurazzjoni għall-irtirar obbligatorja hija wkoll suġġetta għall-projbizzjoni mid-diskriminazzjoni msemmija fil-paragarafu 1 ta' din id-dispożizzjoni?

(2) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda: l-Artikolu 4 tad-Direttiva 79/7/KEE għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa jipprekludi dispożizzjoni nazzjonali ta' sistema ta' aġġustament annwali tal-pensjoni li tipprovdi, għal grupp speċifiku ta' persuni intitolati għall-pensjoni li jirċievu pensjoni minima, żieda potenzjalment inqas miż-żieda applikabbli għal persuni oħra intitolati għal pensjoni sa fejn din il-leġiżlazzjoni għandha effetti sfavorevoli għal 25 % tal-pensjonanti rġiel iżda effett sfavorevoli għal 57 % tal-pensjonanti nisa, u dan fin-nuqqas ta' kwalunkwe motiv oġġettiv ta' ġustifikazzjoni?

(3) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda: trattament sfavorevoli tan-nisa fiż-żieda annwali tal-pensjoni tagħhom jista' jiġi ġġustifikat permezz tal-fatt li huma jirċievu iktar kmieni l-pensjoni, permezz tal-fatt li huma jirċievu l-pensjoni tagħhom għal żmien itwal jew permezz tal-fatt li l-ammont standard għal qligħ minimu previst mid-dritt soċjali (ammont standard tal-benefiċċji ta' kumpens) ġie miżjud b'mod proporzjonalment ogħla jew inkella permezz tat-tliet motivi flimkien meta d-dispożizzjonijiet dwar l-għoti tal-qligħ minimu tad-dritt soċjali (benefiċċju ta' kumpens) jipprovdu li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-qligħ l-ieħor tal-persuna intitolata għall-pensjoni kif ukoll il-qligħ tal-konjuġi tagħha li joqgħod magħha filwaqt li l-pensjonijiet tal-pensjonanti l-oħra huma miżjuda mingħajr ma jittieħed inkunsiderazzjoni l-qligħ tal-persuna intitolata għall-pensjoni jew il-qligħ tal-konjuġi tagħha?

(1) Direttiva tal-Kunsill 79/7/KEE, tad-19 ta' Diċembru 1978, dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 215).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal de première instance de Bruxelles (il-Belġju) fit-12 ta' Marzu 2010 — Corman SA vs Bureau d'intervention et de restitution belge (BIRB)**

**(Kawża C-131/10)**

(2010/C 148/22)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal de première instance de Bruxelles

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Corman SA

*Konvenut:* Bureau d'intervention et de restitution belge (BIRB)